# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 10 ta' Ġunju, 2021.**

**Kawża Nru. 16**

**Rik. Nru. 27/13JRM**

Joahan **AZZOPARDI** f'ismu proprju u għan-nom u in rappreżentanza tal-kumpannija Jeamik Lifts Limited (C – 43420)

vs

Roderick **ĊILIA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fil-15 ta' Jannar, 2013, li bih l-attur, fil-kwalita` tiegħu premessa u għar-raġunijiet hemm imsemmija, talab li din il-Qorti (i) issib li l-imħarrek waħdu jaħti għall-inċident li ġara fil-15 ta' Ottubru, 2012, fi Triq Sebastjan Saliba, f'Ħal Għaxaq, li fih żewġ vetturi tiegħu li kienu ipparkjati ġarrbu ħsarat waqt li l-imħarrek kien qiegħed isuq vettura u baqa' dieħel fihom; (ii) issib li l-imħarrek responsabbli għad-danni li ġarrab l-attur;

(iii) tillikwida, jekk meħtieġ billi taħtar perit għal dan il-għan, id-danni mġarrba; u (iv) tikkundanna lill-imħarrek iħallas d-danni hekk likwidati. Talab ukoll l-ispejjeż u l-imgħax legali;

Rat id-degriet tagħha tal-31 ta' Jannar, 2013[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrek u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat li l-imħarrek laqa' in-notifika tal-atti bil-mezz tal-affissjoni u tal-pubblikazzjoni għall-finijiet tal-Art. 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, imma naqas li jippreżenta tweġiba fiż-żmien mogħti lilu mil-liġi u hekk baqa' kontumaċi[2];

Rat id-degriet tagħha tas-27 ta' Mejju, 2013[3], li bih ċaħdet it-Talba mressqa mill-kumpannija Fogg Insurance Agencies Limited tal-15 ta' Frar, 2013[4], sabiex titħalla tintervjeni fil-proċeduri tallum;

Rat il-provvediment tagħha tal-5 ta' Diċembru, 2013[5], li bih ċaħdet it-Talba tal-kumpannija Fogg Insurance Agency Limited tat-30 ta' Lulju, 2013[6], biex titħalla tressaq appell mid-degriet tagħha tas-27 ta' Mejju, 2013;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-atturi;

Rat li minkejja d-degriet tagħha tal-20 ta' Mejju, 2015[7], l-imħarrek naqas li jressaq sottomissjonijiet bil-miktub kif jitlob l-Artikolu 158(10) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha mressqa f'din il-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża għal danni minħabba ħabta bejn karozzi. L-attur jgħid li l-imħarrek waħdu jaħti għall-ħabta li ġrat waqt li kien qiegħed isuq vettura u baqa' dieħel f'vetturi li kienu pparkjati u għamlilhom ħsarat;

Illi l-imħarrek, minkejja li ġie notifikat, naqas li jdaħħal tweġiba, għaldaqstant jinstab kontumaċi;

---
[1] Paġġ. 5 sa 6 tal-proċess
[2] Paġġ. 22 sa 29 tal-proċess. Ara wkoll paġ. 31 tal-proċess
[3] Paġ. 30 tal-proċess
[4] Paġġ. 12 u 13 tal-proċess
[5] Paġġ. 50 sa 52 tal-proċess
[6] Paġġ. 38 sa 41 tal-proċess
[7] Paġ. 135 tal-proċess

Illi minkejja l-kontumaċja tal-imħarrek, il-Qorti sejra tqis il-fatti li għandha quddiemha u l-konsiderazzjonijiet legali marbuta mat-talbiet attriċi;

Illi bħala fatti rilevanti li joħorġu mill-atti jirriżulta li l-attur huwa s-sid ta' żewġ vetturi (vannijiet) tal-għamla *Toyota*, bin-numru ta' reġistrazzjoni GBE 654 u GBF 563. Fil-15 ta' Ottubru, 2012, waqt li l-attur kien qiegħed fir-residenza tiegħu ġewwa Ħal Għaxaq, fis-sigħat bikrin ta' filgħodu, sema' storbju u għajjat ġej mit-triq u, wara ftit tal-ħin, sema' ħoss ta' ħabta bejn xi vetturi. Irriżulta illi l-imħarrek, li kien qed isuq vettura tal-għamla *Rover* bin-numru ta' reġistrazzjoni AAM 628, ħabat ma' tliet vetturi li kienu pparkjati tul it-triq u għamlilhom ħsara. Tnejn mit-tliet vetturi msemmija kienu l-karozzi tal-attur[8];

Illi l-attur imexxi n-negozju ta' stallazzjoni u manutenzjoni ta' *lifts* permezz tal-kumpannija attriċi[9]. Jgħid li ż-żewġ vetturi jintużaw b'rabta ma' dak in-negozju, kif jidher sewwa mill-provi mressqa[10];

Illi l-vetturi tal-attur ġarrbu ħsarat konsiderevoli li ġew stmati li jammontaw għal tmint elef, ħames mija u tmintax-il ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmi (€8518.59)[11]. L-imħarrek irrifjuta li jressaq '*claim*' mal-kumpannija Fogg Insurance Agencies Limited li magħha kien assikurat. Aktar tard, l-attur ressaq '*claim*' mal-kumpannija assikuratriċi tiegħu Atlas Insurance. Jirriżulta li l-vetturi ta' Azzopardi kienu assikurati għal uzu kummerċjali[12];

Illi l-attur jgħid li dam tlett xhur ma jistax isuq il-vetturi tiegħu b'telf ta' qliegħ ta' tlett elef ewro (€3,000)[13];

Illi fil-15 ta' Jannar, 2013, infetħet din il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' dritt marbuta mal-każ, il-Qorti trid tistħarreġ dwar min kien ħati tal-inċident li bih l-attur jgħid li ġarrab danni;

Illi fil-kamp ċivili, ir-regoli ġenerali jgħabbu lil kull persuna bir-responsabbilta` għall-għemil jew nuqqas ta' għemil tagħha[14]. In-nuqqas ta' diliġenza, prudenza jew ħsieb minn persuna fl-aġir tagħha tpoġġiha fl-istat li trid twieġeb u tagħmel tajjeb għal ħsara li tiġri minħabba f'hekk[15];

[8] Dok. "EM1" f'paġġ. 75 sa 82 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda tas-Surgent Eric Mangion f'paġġ. 86 sa 88 tal-proċess u ta' Andrea Busuttil f'paġġ. 90 sa 91 tal-proċess
[9] Affidavit tiegħu f'paġ. 55 tal-proċess
[10] Dok "JA2", f'paġġ. 61, 63 u 64 tal-proċess
[11] Ara x-xhieda ta' Nathalino Meli f'paġġ. 122 sa 124 tal-proċess. Ara wkoll Dok. "NME" sa Dok. "NMF" f'paġġ. 111 sa 113 tal-proċess, Dok. "WVB" u Dok. "WVC" f'paġġ. 126 sa 128 tal-proċess u Dok. "NMD" f'paġġ. 72 sa 74 tal-proċess
[12] Ara x-xhieda ta' Stephen Conti f'paġġ. 106 sa 107 tal-proċess u Dok. "SCA" sa Dok. "SCC" f'paġġ. 102 sa 105 tal-proċess
[13] Ara x-xhieda ta' Joahan Azzopardi f'paġ. 56 tal-proċess
[14] Art. 1031 tal-Kap 16
[15] Art. 1033 tal-Kap 16

Illi l-attur jixli lill-imħarrek b'sewqan traskurat u bi ksur tar-regolamenti tat-traffiku. Jgħid li l-vetturi tiegħu kienu pparkjati fit-triq u l-imħarrek baqa' dieħel fihom. Ma jirriżultax li l-vetturi kienu pparkjati b'mod li joħolqu ingombru tat-triq u jidher li l-ħabta seħħet biss għaliex l-imħarrek ma kienx f'qagħda li jikkontrolla l-vettur misjuqa minnu;

Illi l-imħarrek ma meriex dawn il-fatti għaliex naqas li jikkontesta l-kawża, imma l-provi mressqa wkoll jaqblu mal-verżjoni mressqa mill-attur. Minn dak li ħareġ mod ieħor mill-atti tal-kawża, ma jidher bl-ebda mod li l-attur kien jaħti għall-ħabta għaliex il-vetturi tiegħu kienu pparkjati kif imiss tul it-triq, filwaqt li l-vettura tal-imħarrek lanqas setgħet tkompli tinstaq wara l-ħabta minħabba l-ħsara li ġarrbet b'riżultat tal-inċident. Jirriżulta wkoll li l-imħarrek, wara li kkawża l-inċident, telaq min fuq is-sit tal-inċident[16];

Illi fid-dawl ta' dawn is-sejbiet, il-Qorti ssib li l-imħarrek waħdu jaħti għall-inċident u għall-ħsarat imġarrbin mill-karozzi tal-attur;

Illi għal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni tad-danni mġarrbin, jingħad li l-attur ressaq prova dwar l-entita` tal-ħsara li ġarrbu l-karozzi tiegħu. Din il-prova hija fis-sura ta' *survey report* dettaljat u ta' stimi li juru l-ispejjeż li għandhom jintefqu biex isiru t-tibdiliet ta' partijiet mill-karozzi, it-tiswijiet u l-prezz tax-xogħlijiet ta' tiswija u lostru. Minħabba l-kontumaċja tal-imħarrek, dawn id-danni m'humiex kontestati u huma korroborati b'xhieda ta' terzi li l-Qorti tista' toqgħod fuqhom. Il-Qorti tqis u tistrieħ ukoll fuq ix-xhieda mogħtija mis-*surveyor* tal-kumpannija assikuratriċi tal-imħarrek li jikkonferma parti mill-ispejjeż mitluba mill-attur. Tqis ukoll li l-ammont ta' danni hekk imfissrin fir-rapport u fl-istimi, jaqblu mal-għamla ta' ħsara li tissemma mill-Pulizija fir-rapport tagħhom tal-inċident u tax-xhieda mogħtija minnhom f'dan ir-rigward;

Illi għalhekk, il-ħsara fil-karozzi tal-attur qiegħda tiġi likwidata fis-somma ta' tmint elef, ħames mija u tmintax il-ewro, disgħa u ħamsin ċenteżmu (€8518.59), liema somma jrid jagħmel tajjeb għaliha l-imħarrek;

Illi l-attur jitlob ukoll b'linja ta' danni, telf ta' qliegħ li huwa kellu minħabba n-nuqqas ta' użu tal-vetturi. Huwa jgħid li naqas li juża l-vetturi għal tlett xhur u li dan wassal għal telf ta' elf ewro (€1,000) fix-xahar[17]. Għalkemm lill-Qorti jirriżultalha li l-attur kien fil-fatt assikurat sabiex isuq il-vetturi għal użu kummerċjali[18], u mir-ritratti eżebiti jidher l-isem tal-kumpannija '*Jeamik Lifts*' fuq il-vetturi milquta[19], il-Qorti mhix f'qagħda li tilqa' din it-talba;

[16] Ara x-xheda tas- Surgent Eric Mangion f'paġġ. 86 sa 88 tal-proċess u ta' Andrea Busuttil f'paġġ. 90 sa 91 tal-proċess
[17] Ara l-affidavit ta' Joahan Azzopardi f'paġ. 56 tal-proċess
[18] Ara Dok. "SCA" paġ. 102 tal-proċess
[19] Ara Dok. "JAZ" f'paġ. 61 tal-proċess, Dok. "NMA" u Dok. "NMB" f'paġġ. 69 sa 70 tal-proċess

Illi l-kawża infetħet mill-attur f'ismu proprju u f'isem il-kumpannija Jeamik Lifts Limited. Minkejja dan, huwa naqas li jipprova l-volum ta' negozju li l-istess kumpannija wettqet matul iż-żmien li l-vetturi kienu qegħdin jissewwew jew il-qligħ li l-kumpannija tagħmel kull xahar biex il-Qorti tista' tasal għat-telf li tgħid li ġarrbet min-nuqqas ta' użu tal-vetturi. L-attur, fl-affidavit tiegħu, jagħmel referenza għal dokument li juri l-qligħ li l-kumpannija tagħmel iżda dan id-dokumenti ma tressaqx bħala prova u ma jiffurmax parti mill-atti[20]. Kien ikun siewi wkoll li l-attur iressaq provi ta' xi nfieq biex inkrew karozzi oħrajn mill-kumpannija ħalli tkun tista' tibqa' twettaq il-ħidma tagħha sakemm isiru t-tiswijiet fuq iż-żewġ vetturi. Hawnhekk ukoll, ma tressqet l-ebda prova f'dan ir-rigward;

Illi fil-qafas tal-prinċipju legali li l-attur jrid iressaq l-aħjar prova biex jiġġustifika t-talbiet tiegħu, it-talba attriċi fl-ammont ta' tlett elef ewro (€3,000) għal danni mġarrba minħabba telf ta' użu qiegħda tiġi miċħuda;

Għal dawn ir-raġunijiet, għalhekk, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-imħarrek waħdu jaħti għall-inċident tal-15 ta' Ottubru, 2012, fi Triq Sebastjan Saliba, Għaxaq, li minnu l-attur ġarrab danni fiż-żewġ vetturi tiegħu;

**Tilqa' it-tieni talba attriċi** u ssib li l-imħarrek waħdu jaħti għad-danni li ġarrab l-attur;

**Tilqa' it-tielet talba attriċi** u tillikwida d-danni mġarrba fl-ammont ta' tmint elef, ħames mija u tmintax-il ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€8518.59);

**Tilqa' ir-raba talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrek iħallas l-ammont ta' tmint elef, ħames mija u tmintax-il ewro, disgħa u ħamsin ċenteżmu (€8518.59), flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ millum sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tordna** lill-imħarrek iħallas ukoll **l-ispejjeż tal-kawża**.

**Moqrija**

[20] Ara affidavit ta' Joahan Azzopardi f'paġ. 56 tal-proċess

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**10 ta’ Ġunju, 2021**